# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju 2001**

**Numru 80**

**Citaz. numru: 2474/00 M1 NA**

**Josephine Micallef f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Laurent u Jean Claude**

**vs**

**Emanuel Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-17 ta' Novembru 2000 fejn ippremettiet:

"Illi l-hajja konjugali w il-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru impossibbli, u dan ghar-ragunijiet diga' migjuba quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili b'digriet tas-16 ta' Novembru 2000 awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni;

Illi dawn ir-ragunijiet huma adulterju, eccessi, w ingurji gravi, oltre li z-zwieg tkisser irremedjabbilment;

Illi minn dan iz-zwieg hemm zewgt itfal Laurent u Jean Claude, li ghadhom minuri;

TALBET li din il-Qorti:-

1. tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lilu, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas ta' l-istess retta;

3. tiddikjara diga' xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet, u stante li l-konvenut ghamel konsum ta' servizzi fid-dar konjugali tikkundannah ihallas l-istess kontijiet li jirrizultaw;

4. tikkommina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti ta' l-Artikoli 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

5. tafda l-kura w il-kustodja tat-tfal minuri Laurent u Jean Claude;  kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghalihom lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas ta' l-istess;

6. tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titlu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghall-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Il-konvenut debitament notifikat ma ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi u dana probabbilment peress illi fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2001 dehru l-Avukati rispettivi li pprezentaw nota konguntiva u qablu li l-kawza tista' tibqa' differita ghas-sentenza a bazi ta' din in-nota.  Effetivament b'dan il-ghan il-Qorti ddifferiet il-kawza biex tinghata s-sentenza llum.

Rat il-verbal konguntiv ipprezentat fis-seduta fuq imsemmija fejn il-partijiet qablu fuq is-separazzjoni u l-kondizzjonijiet li kellhom jirregolaw is-separazzjoni personali taghhom.  Peress

illi, fil-fehma ta' l-istess Qorti ma hemmx ragunijiet il-ghala tali ftehim ma ghandux jifforma l-bazi ta' din is-sentenza;

Ghal dawn il-motivi ghalhekk tiddeciedi din it-talba billi:

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabbilment u l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin mizzewgin;

2. tichad it-tieni talba stante li l-attrici tahdem u ghandha mpieg regolari u stante wkoll illi l-partijiet iddekadew minn kull dritt ta' manteniment kontra xulxin;

3. tastieni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba peress illi l-partijiet iddikjaraw li l-komunjoni ta' l-akkwisti hija diga' xolta u diviza u li kull parti hadet l-oggetti parafernali u dotali taghha u li ghalhekk bejn il-partijiet ma hemm l-ebda talbiet reciproci;

4. tilqa' r-raba' hames fis-sens biss li tiddikjara li l-partijiet it-tnejn iddekadew mid-dritt successorju tal-parti l-ohra;

5. tilqa' l-hames talba u tafda l-kura w il-kustodja tal-minuri Laurent u Jean Claude Micallef lill-omm; b'dan li l-missier ikollu access liberu bhala minimu darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn kull darba, b'arrangament bejn il-partijiet u skond ix-xewqa li juru l-minuri billi jew jarahom fid-dar ta' l-omm jew jigbor lil minuri mid-dar residenzjali ta' l-omm skond ir-rieda ta' l-istess minuri. Il-partijiet qeghdin jiftiehmu li ghandu jinghata access ulterjuri lil missier/konvenut, kif ukoll tibdil fil-hinijiet ta' l-access u dana dejjem skond li jkunu juru wkoll ix-xewqa ta' l-istess minuri. Fin-nuqqas ta' qbil il-partijiet jirremettu ruhhom ghad-decizjoni ulterjuri tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u ghal dak li hemm provvdut fil-ligi. Fir-rigward ta' l-alimenti ghall-minuri tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' mitejn u hmistax-il lira Maltin (Lm215) fix-xahar pagabbli kull l-ahhar tax-xahar, liema ammont ma jistax ikun varjat ikunu xi jkunu c-cirkostanzi, u dana bhala manteniment tal-minuri, dejjem salv ta' dak provvdut fil-ligi. Di piu' l-konvenut huwa obbligat ihallas l-ispejjez ta' l-edukazzjoni skolastika tat-tfal minuri fi skejjel maqbula bejn il-partijiet.

6. Stante li d-dar konjugali hija ta' l-attrici u l-konvenut mhux qed jirrisjedi fiha, tilqa' s-sitt talba u tassenja d-dar konjugali lill-attrici.

L-ispejjez huma bla taxxa bejn il-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.